**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 980 /2025 / 1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jessie Pasag**

Illum 16 ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jessie Pasag Passaport Fillipin P2047774C, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Jannar 2025, u /jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Talli matul l-istess żmien, lok u cirkostanzi tah prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi Passaport, li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorità legittima uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan I-Att li jkun falsifikat skond I-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Jannar, 2025 , fejn il-Qorti wara rat l-artikoli relevanti tal-liġi, senjatament l-artikoli 32(1)(c) u 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni sabet lill-imputat Jessie Pasag hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh u konsegwentament ikkundanatu ghal piena ta tmien xhur priġunerija effettiva. Il-Qorti filwaqt li ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*, cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż peritali ġaladarba mill-atti proċesswali ma jirriżultax li ġew ingaggati esperti fil-proċeduri odjerni

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jessie Pasag preżentat nhar it-11 ta' Jannar, 2025, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan għar-ragunijiet li ser jigu trattati fil-mori tal-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appell intentat mill-appellant Jessie Pasag jikkonċerna unikament il-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti ta' tmien xhur priġunerija, li għaliha kien ikkundannat wara ammissjoni nkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati. Iqis illi l-element ta' proporzjonalita bejn il-piena inflitta u r-reati li dwarhom instab ħati hija nieqsa għaliex il-piena hija eċċessiva tenut kont, b'mod speċjali, taċ-ċirkostanzi li sawwru dan il-każ fejn huwa kien vittma ta' ċirku ta' frodi

fi ħdan is-settur ta' immigrazzjoni ġewwa il-Portugal. Illi huwa waqa' vittma ta' dan iċ-ċirku kriminali għaliex ried isib xogħol ġewwa Malta bil-għan li jmantni u igħin lil familtu, u allura kien iddisprat u spiċċa dahru mal-ħajt ukoll għaliex id-deċiżjoni tal-Bord ta'l-Appell ta'l-Immigrazzjoni kien qed jieħu fit-tul biex jisma' l-każ tiegħu. Inoltre tenut kont tal-fatt illi huwa ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet huwa tal-fehma li kellha tkun ikkunsidrata piena alternattiva għal dik ta'l-inkarċerazzjoni.

Illi kemm il-darba kien ribadit fil-ġurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, illi meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuż appell mill-piena sakemm din tidħol fil-parametri prefissi mil-liġi. "Dan għaliex min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull każ din il-Qorti u Qrati oħra ta' l-appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le.[1]"

Fil-każ odjern, l-appellant ammetta b'mod inkondizzjonat l-imputazzjonijet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Ewwel Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tagħha u tatu żmien sabiex jaħsibha u jmur lura minnha, iżda hu baqa' jinsisti fuq l-ammissjoni tiegħu.

Issa l-appellant kien ikundannat għal perijodu ta' tmien xhur priġunerija. Illi l-appellant kien mixli u misjub ħati tar-reat maħsub fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta li jġorr il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn, tar-reat imfassal fl-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali li jiġi punit bil-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena, u finalment bir-reat misjub fl-artikolu 32(1)(c) u(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta li jġorr il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra. Illi għalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda viċin ferm il-minimu kkontemplat fil-liġi tenut kont tal-fatt illi l-minimu erogabbli għar-reat taħt l-artikolu 189 huwa dak ta' seba' xhur priġunerija.

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Reno sive Nazzareno Micallef – 28/11/2006 App. Krim.

Illi mbagħad għalkemm fir-rikors ta'l-appell l-appellant isemmi diversi ċirkostanzi li fil-fehma tiegħu kellhom iwasslu lill-Qorti teżerċita il-klemenza fil-konfront tiegħu bħal meta jikkontendi illi huwa vittma ta' ċirku ta' kriminalita' u li kkometta r-reat sforz id-disperazzjoni li għandu f'ħajtu sabiex imantni lil familtu, dawn il-fatti ma humiex sostanzjata bl-ebda prova.

Issa huwa minnu illi l-appellant għandu fedina penali netta, madanakollu lanqas ma jista' jintesa illi huwa ilu igħix Malta illegalment sa minn Novembru tas-sena 2023, wara li kien daħal Malta fuq pretiża falza li kien ġie iżur lil familjari tiegħu, iżda wara li skadietlu l-*visa* baqa' igħix f'Malta b'mod irregolari. Illi mbagħad għalkemm igħid illi ried jibqa' Malta sabiex igħin lil familja tiegħu finanzjarjament igħid ukoll illi ottjena dokument iffalsifikat għaliex ried imur btala sal-Italja mal-mara sabiex jiċċelebraw l-anniversarju tat-tieġ tagħhom.

Kif tajjeb qalet din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Rabia YAVUZ u Muzekka DENERI[2]":

> **26. Il-piena ta' priġunerija għar-reati li l-appellanti ammettew u ġew misjuba ħatja tagħhom ma kienetx żbaljata fil-prinċipju kemm minħabba li dawn huma meqjusa bħala reati ta' natura serja, li jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, anke jimminaw is-sigurta tal-Istat, kif ukoll minħabba li n-numru ta' persuni li jinqabdu jikkommettu reati ta' din in-natura sploda l-fuq f'dawn l-aħħar snin.**

Issa huwa minnu ukoll illi persuni akkużati b'reati simili għal dawk li dwarhom l-appellant kien misjub ħati jispiċċaw vittmi tar-rebgħa ta' organiżazzjonijiet kriminali li jagħmlu kapital mit-tbatija u d-diffikultajiet li jkunu jinsabu fihom il-vittmi tagħhom. Fil-fatt mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant lill-pulizija mal-arrest tiegħu jidher illi huwa ħallsu somma konsiderevoli ta' flus sabiex jirnexxielu jikseb id-dokument falz mertu ta' dan il-każ.

Illi r-regola li dawn il-qrati dejjem segwew, u ċioe' illi f'każijiet bħal dawn, li fil-maġġior parti tagħhom ikunu każijiet tipiċi u allura jitqiesu bħala '*an open and shut*

[2] Deċiża 06 ta' Awwissu 2021

*case*, bil-ġudikabbli jitressaq bl-arrest, jammetti minnufih u l-Qorti imbagħad tgħaddi biex timponi piena karcerarja effettiva, ma tidhirx li qed isservi ta' ebda deterrent għal min hu iddisprat illi lest li jidħol għal kwalunkwe riskju biex jaħrab mit-tiġrib li jkun jinsab fih. Illi l-qrati iridu neċessarjament iqiesu, meta jiġu biex jerogaw il-piena idonja għal kull każ ippreżentat quddiemhom, illi kemm jista' jkun ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati li kull ma jmur qed iżiedu fin-numru tagħhom b'periklu għas-sigurta' fil-pajjiż, u li organiżazzjonijiet kriminali li jagħmlu qliegħ minn din l-attivita' illegali ma jitħallewx jimirħu mingħajr ebda rażan u kontroll, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Illi f'dan il-każ il-Qorti ma tista' tirriskontra ebda ċirkostanza speċjali u straordinarja li jista' iwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti u għalhekk timponi piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni, kif qed jitlob l-appellant. Illi meta l-pieni alternattivi għal dawk ta' prigunerija kienu qed jiġu introdotti fis-sistema penali, gie superjorment deċiż illi:

> **"Ma jistax ikun hemm dubbju li l-emendi, introdotti recentement fil-ligi kriminali maltija, f'materja ta' penologija, huwa ferm enkomjabili, u korrettement ispirati ghal koncett reformattiv tal-piena, u jistghu ikunu ta' gid kbir anke ghas-socjeta, BASTA pero li jigu applikati fil-kazijiet fejn ghandhom ikunu applikati – diversament l-iskop ta'l-emendi jigi travizat, u jigi anke frustat l-effett taghhom. Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**
>
> **' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> **'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> **'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[3]"**

[3] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino- Qorti Kriminali – 30/03/1963

Illi l-fatti indikati fir-rikors ta'l-appell u anke imsemmija mill-abbli difensur fit-trattazzjoni tiegħu li jsawwru dan il-każ, kif indikati iktar 'il fuq, ma humiex rispekkjati fl-atti billi ma hemmx l-iċken prova li tikkonferma dak minnu sottomess, fatti li allura jistgħu iwasslu lil din il-Qorti tqies jekk f'dan il-każ hemmx dawk iċ-ċirkostanzi li jimmeritaw konsiderazzjonijiet differenti minn dawk magħmula mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellat fl-intier tagħha.**

Edwina Grima

Imħallef